**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni*

**2018/2046(BUD)**

4.9.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019 (2018/2046(BUD))

Rapporteur: Morten Løkkegaard

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-Erasmus+ jibqa' programm ta' valur kbir u popolari ħafna li jippromwovi l-mobilità għat-tagħlim taż-żgħażagħ, kif jidher mill-volum tal-applikazzjonijiet riċevuti, li jaqbeż il-finanzjament disponibbli; jiddispjaċih ħafna li l-abbozz tal-baġit tal-2019 għall-Erasmus+ jaqa' taħt l-aspettattivi tal-Parlament, u naqas milli jmur lil hinn miċ-ċifri pprogrammati taħt il-QFP attwali, inkluż f'li jipprovdi l-finanzjament supplimentari disponibbli li jibqa' għall-programm maqbul skont ir-reviżjoni tal-QFP; jappella, għalhekk, għal żieda ta' 20 % tal-finanzjament fuq l-abbozz tal-baġit 2019 (AB 2019), fl-erba' linji baġitarji tal-Erasmus+, b'tali mod li taqdi l-ħtiġijiet attwali, tirrispondi għall-aspettattivi taċ-ċittadini tal-programm, u tipprovdi liż-żgħażagħ Ewropej bil-futur li huma jistennew mill-UE; itenni, f'dan ir-rigward, l-appoġġ tiegħu biex jittrippla l-finanzjament għall-Erasmus+ fil-QFP li jmiss u l-intenzjoni tiegħu li jiġġieled għal dik iż-żieda;

2. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-mod li bih il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ġie stabbilit inizjalment mingħajr bażi ġuridika u mingħajr linja baġitarja awtonoma; jinsab skomdu, barra minn hekk, li d-deċiżjoni finali dwar is-sorsi ta' finanzjament tal-Korp - bl-eċċezzjoni tal-istipulazzjoni rigward l-Erasmus+ - tħalliet għall-proċedura baġitarja annwali; jikkonferma li se jeżamina b'attenzjoni kbira l-ittra emendatorja mill-Kummissjoni biex jiżgura li l-ftehim tat-trilogu jkun irrispettat bis-sħiħ;

3. Jenfasizza l-valur tal-Ewropa Kreattiva bl-appoġġ tagħha għas-setturi awdjoviżivi u kulturali tal-UE u jinsisti li l-livelli ta' finanzjament għandhom jaqblu mal-ambizzjonijiet tal-programm; jinnota, fir-rigward tas-sottoprogramm MEDIA, li, sabiex jiffinanzja l-proġetti kollha ta' kwalità għolja, il-baġit ikollu jiżdied b'madwar 44 %; jappella, għalhekk, għal żieda sostanzjali ta' 22 % fil-finanzjament fuq l-AB 2019 biex jiġu indirizzati r-rati ta' suċċess baxxi tal-applikazzjonijiet, jissaħħaħ l-appoġġ għan-netwerks tal-operaturi taċ-ċinema Ewropej u tiġi inkorporata - u ffinanzjata - l-Azzjoni Preparatorja b'suċċess dwar is-sottotitoli tal-kontenut kulturali mingħajr ma jiġi pperikolat il-finanzjament tal-azzjonijiet ewlenin; itenni li kemm is-sottoprogramm Kultura kif ukoll it-taqsima transettorjali jibqgħu kronikament sottofinanzjati u jappella għal żieda fil-finanzjament ta' mill-inqas 10 % fuq l-AB 2019 fuq iż-żewġ linji; jipproponi, fir-rigward tas-sottoprogramm Kultura, finanzjament addizzjonali ta' EUR 3 miljun fuq l-AB 2019 – minbarra żieda ta' 10 % - biex tiżdied l-azzjoni bi prova diġà ta' suċċess, iżda attwalment limitata, dwar il-mobilità individwali tal-artisti u l-professjonisti kulturali bi tħejjija għall-programm Ewropa Kreattiva li jmiss;

4. Jinnota b'sodisfazzjon li l-proposta l-ġdida tal-programm Ewropa Kreattiva tipprovdi dispożizzjoni għall-appoġġ tal-pluraliżmu u l-libertà tal-midja u l-litteriżmu medjatiku taħt it-taqsima transettorjali; jitlob, sadanittant, biex tissaħħaħ il-linja baġitarja dwar il-kontenut diġitali u l-industriji awdjoviżivi u ta' midja oħra (09 02 05) sabiex tingħata spinta lill-isforzi li jindirizzaw l-aħbarijiet foloz permezz ta' ħidma ta' litteriżmu medjatiku u jingħata appoġġ dirett lill-organizzazzjonijiet li jimmonitorjaw u jippromwovu l-libertà u l-pluraliżmu tal-midja;

5. Jilqa' l-inklużjoni tal-appoġġ għas-settur tal-mużika fi ħdan il-programm il-ġdid ta'

Ewropea Kreattiva; jinnota li dan jibni fuq is-suċċess tal-inizjattiva pilota fi ħdan il-Kummissjoni u l-Azzjoni Preparatorja "Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa" proposta mill-kumitat;

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq rieżami komplut – li għandu jingħata lill-Parlament – tal-attivitajiet kollha tagħha skont il-linja baġitarja "azzjonijiet ta' multimedia" biex jiġi żgurat li dawn jissodisfaw l-għanijiet ewlenin tagħhom; jappella għal EUR 4,2 miljun addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' impenn fl-2019 biex il-ħidma importanti tal-Euranet Plus tkun garantita għall-bqija tal-QFP; itenni li l-eżistenza prekarja attwali tan-netwerk mhijiex sostenibbli, u li teħtieġ soluzzjoni fit-tul; jinnota li l-għan tal-finanzjament tal-Euranet Plus mill-2020 'il quddiem huwa ta' EUR 8,4 miljun fis-sena;

7. Jenfasizza l-valur tal-Ewropa għaċ-Ċittadini biex jissaħħaħ il-fehim taċ-ċittadini tal-UE u biex jitrawwem sens ta' ċittadinanza; jinsisti li għandu jitreġġa' lura t-tnaqqis previst għall-programm biex tiġi ffinanzjata l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej rinnovata; jiddeplora l-fatt li l-proposta leġiżlattiva għall-ECI l-ġdida ma tagħtix dettalji dwar l-impatt baġitarju fuq l-Ewropa għaċ-Ċittadini, b'hekk il-leġiżlatur huwa mċaħħad minn informazzjoni essenzjali; lil hinn mir-restawrazzjoni ta' dawn il-fondi għal-linja baġitarja, jappella għal żieda ta' 10 % fil-finanzjament fuq l-AB 2019 - abbażi taċ-ċifri tal-programmazzjoni attwali tal-QFP - biex tiġi pprovduta ż-żieda minima meħtieġa għal programm li jbati minn nuqqas ta' finanzjament persistenti u rati ta' suċċess baxxi tal-proġetti, b'tali mod li jiffrustraw l-aspettattivi tal-applikanti;

8. Ifakkar li l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea jikkostitwixxi sfidi partikolarment serji għall-Iskejjel Ewropej, speċjalment fid-dawl tad-daqs tat-taqsima tal-lingwa Ingliża (madwar 21 % tal-istudenti kollha) u l-prevalenza tal-Ingliż bħala t-tieni lingwa (61 % tal-istudenti kollha fis-sena skolastika 2016-2017); jemmen li għad hemm kwistjonijiet baġitarji u edukattivi importanti li jridu jiġu indirizzati f'dak li jikkonċerna l-provvediment fit-tul ta' tagħlim tal-lingwa Ingliża tal-ogħla livell u l-issuktar tar-rikonoxximent tal-Bakkalawrjat Ewropew fir-Renju Unit, minkejja d-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 120 tal-abbozz ta' ftehim dwar il-ħruġ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Bord tal-Gvernaturi jinfurmaw lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni dwar il-pjanijiet fit-tul tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-Brexit;

9. Ifakkar li proġetti relatati mal-kultura u mal-edukazzjoni huma appoġġati b'firxa ta' programmi u strumenti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Fondi SIE, FEIS u Horizon 2020; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb is-sinerġiji ta' bejn il-programmi sabiex tiggarantixxi l-effikaċja tal-infiq; jistieden lill-Kummissjoni, b'mod partikolari, biex tisfrutta b'mod sħiħ is-sinerġiji potenzjali li jeżistu bejn id-diversi programmi tal-UE – bħal Horizon 2020, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-Erasmus+, l-EaSI, l-Ewropa Kreattiva u l-COSME, il-FEIS u l-Fondi SIE – biex tappoġġja aktar proġetti fil-qasam tal-industrija kulturali u kreattivi;

10. Jindika l-potenzjal ta' Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji (PPPAs) bħala mezz għall-ittestjar ta' miżuri fl-oqsma tal-politika tal-UE u biex jiġu introdotti inizjattivi innovattivi ġodda li eventwalment jistgħu jsiru miżuri fit-tul tal-Unjoni; jenfasizza li għadd ta' PPPAs proposti mill-kumitat fil-leġiżlatura parlamentari attwali huma ta' suċċess kbir, u jwittu t-triq għat-tfassil tal-ġenerazzjoni l-ġdida ta' programmi edukattivi u kulturali; jiddispjaċih li l-valutazzjoni minn qabel tal-PPPAs mill-Kummissjoni tħalli

żmien limitat ħafna għal kumitati tal-għoti tal-opinjoni fil-Parlament biex jiġu indirizzati l-klassifikazzjonijiet u l-kummenti; jiddispjaċih, barra minn hekk, li f'xi każijiet il-klassifikazzjonijiet u l-kummenti mogħtija mill-Kummissjoni mhumiex totalment oġġettivi, u jidher li ġew influwenzati minn preferenzi personali jew istituzzjonali; ifakkar li n-nuqqas li jiġi promulgat PPPA ġewwa l-Kummissjoni qatt ma jista' jkun raġuni għal grad baxx ta' valutazzjoni;

11. Iħeġġeġ lill-Kumitat għall-Baġits biex jirrieżamina l-proċedura għall-ġestjoni u d-deċiżjonijiet dwar Proġetti Pilota u Azzjonijiet Preparatorji, li attwalment nieqsa mit-trasparenza u ma toffrix biżżejjed spazju għal kumitati individwali tal-għoti tal-opinjoni biex jiffurmaw il-prijoritajiet politiċi dwar PPPAs fi ħdan il-mandati ta' politika rispettivi tagħhom; jitlob lill-Kumitat għall-Baġits jieħu sehem b'mod aktar attiv mal-kumitati individwali tal-għoti tal-opinjoni qabel il-vot tiegħu dwar il-pakkett tal-PPPA u jqis dwar kif jista' jgħaddi aktar responsabilità lill-kumitati tal-għoti tal-opinjoni – potenzjalment permezz ta' pakkett finanzjarju mhux vinkolanti għal kull kumitat, abbażi tal-prijoritajiet tal-Parlament u l-infiq passat fil-qasam tal-politika rilevanti fost kriterji oħra – biex jadottaw il-PPPAs ta' prijorità tagħhom stess; jissuġġerixxi li approċċ bħal dan jista' jgħin biex iwieġeb għall-kritika tal-Kummissjoni fir-rigward tal-proliferazzjoni tal-proposti PPPA matul dawn l-aħħar snin billi fil-kumitati jiġi promoss metodu aktar iffukat, ibbażat fuq il-prijorità.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 3.9.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 17<br>–: 5<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Dominique Bilde, Andrea Bocskor, Silvia Costa, Giorgos Grammatikakis, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Morten Messerschmidt, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Michaela Šojdrová, Julie Ward, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver, Krystyna Łybacka |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Norbert Erdős, Dietmar Köster, Morten Løkkegaard, Emma McClarkin, Michel Reimon, Remo Sernagiotto |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Mark Demesmaeker |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 17 | + |
|---|---|
| ALDE | Morten Løkkegaard |
| PPE | Andrea Bocskor, Norbert Erdős, Svetoslav Hristov Malinov, Stefano Maullu, Michaela Šojdrová, Bogdan Brunon Wenta, Bogdan Andrzej Zdrojewski, Milan Zver |
| S&D | Silvia Costa, Giorgos Grammatikakis, Dietmar Köster, Krystyna Łybacka, Luigi Morgano, Momchil Nekov, Julie Ward |
| VERTS/ALE | Michel Reimon |

| 5 | - |
|---|---|
| ECR | Mark Demesmaeker, Emma McClarkin, Morten Messerschmidt, Remo Sernagiotto |
| ENF | Dominique Bilde |

| - | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni